**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Geoffrey Azzopardi)

**vs**

**Carmelo Galea**

Illum 12 ta` Dicembru 2001.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Carmelo Galea, ta` 55 sena, bin Carmelo u Antonia nee` Camilleri, imwieled Mosta fl-14 ta` Frar 1946 u joqghod '"iskin"'Triq Tumas Dingli, Mosta, ID 161446 (M):

Talli b`diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet diffierenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda;

Talli fit-8 ta` April 2000, u fis-snin ta` qabel, anke wara nzul ix-xemx, b`mezzi qarrieqa li bihom seta` kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta` kurrent eletriku, jew li bihom seta` twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew markar fil-metertal-kwantita` mehuda, jew ikkonsmata, bhala detentur tal-fond 'Olympic Bar' fi Triq il-Kostituzzjoni il-Mosta, jew bhala persuna li f`ismu hemm registrat il-meter tad-dawl, ikkommetta serq ta` kurrent eletriku mill-istess fond, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-hin u bl-ammont.

Talli fl-istess perijodu ghamel hsara fil-gummi jew fil-makkinarju tal-eletriku jew ikkaguna hsara jew telf ta` kurrent eletriku, jew ghamel hsara jew kisser parti mill-meter jew sigill tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gummi wzati fil-provvista tal-eletriku, liema hsara tammonta ghal hmistax il-lira maltin (Lm15) ghad-dannu tal-Korporazzjoi Enemalta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat in-nota tal-Avukat Generali;

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi tratta bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih; kif ukoll li s-somma dovuta ta` Lm250.67 giet imhallsa lill-Korporazzjoni Enemalta.

Issibu hati;

Rat l-Artikoli tal-ligi, kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Jidhrilha li ghandha tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu, stante l-kondotta nadifa ta` l-akkuzat u stante li l-ammont dovut gie mhallas.

Ghalhekk waqt li **ssibu hati, tilliberah taht il-provvedimenti ta` l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta, b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin** mill-lum u qed taghtih it-twissijiet skond il-ligi.

Vera kopja

Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.